MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 1078/2006/1

**Joseph Gatt**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Joseph Gatt fit-30 ta' Novembru 2006, li jaqra hekk:

"1. Illi fl-20 ta' Novembru 2006 l-esponenti gie notifikat b'ittra ufficjali mahruga mill-intimat li permezz taghha interpellah sabiex ihallas is-somma ta' tliet mija u

hamest elef, seba' mija u sitta u hamsin Liri maltin (Lm305,756) kwantu ghal wiehed u tmenin elf erba' mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin (Lm81,422) fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, u 2005 u kwantu ghal mitejn u erbgha u ghoxrin elf u tliet mija u erbgha u tletin Lira Maltin (Lm224,334) bhala taxxa addizzjonali skond l-avviz jew talba tal-hlas li gew mehmuza ma' l-imsemmija ittra ufficjali (kopja annessa);

“2. Illi r-rikorrenti permezz ta' din il-procedura qieghed joggezzjona ghal dan il-kont u ghalhekk qieghed jinterrompi l-effetti ta' din l-ittra ufficjali ghaliex fl-ewwel lok ma huwiex korrett li l-intimat jitlob tali ammont u dan peress li din is-somma konsiderevoli giet mahduma mill-intimat fuq figuri estimatorji u fittizji li l-istess intimat qabad u kkalkula minghajr ma ha inkonsiderazzjoni ebda figura sostantiva u reali sabiex seta' jipprova jibbaza t-talba tieghu liema talba zgur ma jirriflettux id-dhul reali tar-rikorrenti;

“3. Illi r-rikorrenti ma ghandux jaghti l-ammonti mitluba bhala taxxa lill-intimati u dan ghaliex ir-rikorrenti qatt ma qala dawk l-ammonti ta' flus li qieghed jippretendi l-intimat li fuqhom tithallas dik it-taxxa konsiderevoli izda aktar minn hekk proprju fis-snin indikati fl-ittra ufficjali ma kienx jahdem b'mod regolari anzi ftit ghamel xoghol u allura zgur ma humiex dovuti dawk l-ammonti.

“4. Illi barra minn dak li diga` inghad aktar il-fuq u dejjem minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti ma ghandu jehel ebda interessi fuq l-imsemmija ammonti meta fir-realta` huma esagerati u zgur ma jirriflettux id-dhul li kellu r-rikorrenti fis-snin indikati mill-intimat fl-ittra ufficjali tieghu;

“5. Illi r-rikorrenti jissottometti illi huwa ma ghandu jaghti ebda ammont ta' taxxa matul is-snin indikati mill-intimat fl-ittra ufficjali tieghu tat-8 ta' Novembru 2006 u dan ghaliex huwa kellu dhul minimu li ma kienx taxxabbli.

“Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tannulla l-kont mahrug mill-intimat permezz tal-ittra ufficjali datat 8 ta’ Novembru 2006 u li jkopru s-snin ta’ stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, u 2005 li jammonta komplessivament ghas-somma ta’ tliet mija u hamest elef, seba’ mija u sitta u hamsin Liri Maltin (Lm305,756) kwantu ghal wiehed u tmenin elf, erba’ mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin (Lm81,422) fi hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja u kwantu ghal mitejn u erbgha u ghoxrin elf u tliet mija u erbgha u tletin Lira Maltin (Lm224,334) bhala taxxa addizzjonali skond l-avviz jew talba tal-hlas hawn anness u dan ghaliex dak l-ammont ma huwiex korrett u ma hux dovut mir-rikorrenti.”

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

“Illi l-procedura odjerna quddiem din l-Onorabbli Qorti m’hijiex il-procedura idonea sabiex ir-rikorrent iressaq oggezzjoni ghas-somma in kwistjoni mitluba mill-esponent;

“Illi effettivament jekk ir-rikorrent ma qabilx mal-figuri kif indikati mill-esponent kellu l-obbligu li jsegwi l-procedura stabbilita mil-ligi, haga li hu qatt m’ghamel.

“Illi jigi rilevat li s-sekwenza tal-fatti hija s-segwenti:

“1. Illi r-rikorrent qatt ma baghat lill-esponent il-Formola tat-Taxxa ghas-snin ta’ stima 1999 sa 2005.

“2. Illi fid-dawl tas-suespost l-esponent hareg lir-rikorrent *Assessments* formali ghas-snin ta’ stima in kwistjoni a tenur tal-Artikolu 30 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

“3. Illi r-rikorrent minkejja li kellu c-cans joggezzjona ghal dawn l-istimi skond il-ligi baqa’ inadempjenti.

“4. Illi meta skada t-terminu ghall-oggezzjoni l-*Assessments* mahruga mill-esponent saru finali u konklussivi.

“5. Illi ghalhekk minghajr pregudizzju ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi, l-esponent kien korrett fil-hrug tal-*Assessments* ghas-snin in kwistjoni stante li mexa skond u fil-parametri tal-ligi.

“6. Illi jigi rilevat ulterjorment li l-figuri ndikati fl-*Assessments* in kwistjoni huma wkoll korretti u skond il-ligi.

“Illi mill-premess jidher car illi l-*Assessments* u l-kont mahrug mill-esponent permezz tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Novembru 2006 ghas-snin ta’ stima 1999 sa 2005 huma dovuti fl-intier taghhom mir-rikorrent u b’hekk m’ghandhomx jigu annullati.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Ottubru 2007 li in forza taghha cahdet talba tar-rikorrent sabiex tezercita l-kompetenza Kostituzzjonali taghha a bazi tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem peress li l-istess rikorrent kellu mezzi xierqa ta’ rimedju ghal ksur allegat li kienu disponibbli ghalih, li hu naqas li juza;
Rat is-sentenza finali moghtija mill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Jannar 2008, li in forza taghha cahdet it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu;

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ir-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimat.

“Ir-rikorrenti qed jitlob li l-Qorti thassar il-kont mahrug mill-intimat permezz tal-ittra ufficjali datat 8 ta’ Novembru 2006

u li jkopri s-snin ta’ stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, u 2005 ammontanti komplessivament ghas-somma ta’ (Lm305,756) bhala taxxa provizorja u taxxa addizzjonali **u dan ghaliex dak l-ammont ma huwiex korrett u ma hux dovut mir-rikorrenti.** (emfazi tal-Qorti)

“L-intimat wiegeb li :

“1. Illi l-procedura odjerna quddiem din l-Onorabbli Qorti m’hijiex il-procedura idonea sabiex ir-rikorrent iressaq oggezzjoni ghas-somma in kwistjoni mitluba mill-esponent;

“2. Illi effettivament jekk ir-rikorrent ma qabilx mal-figuri kif indikati mill-esponent kellu l-obbligu li jsegwi l-procedura stabbilita mil-ligi, haga li hu qatt m’ghamel.

**“KONTESTAZZJONI**

“L-intimat qed jissottometti li r-rikorrenti qatt ma baghat il-Formola tat-Taxxa ghas-snin ta’ stima 1999 sa 2005 ghalhekk hu hareg *Assessments* formali ghal-dawn is-snin a tenur tal-Artikolu 30 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Minkejja li kellu l-opportunita` kollha, ir-rikorrent ma dahhalx oggezzjoni ghal dawn l-istimi skond il-ligi. Ghalhekk meta skada t-terminu ghall-oggezzjoni l-*Assessments* mahruga mill-esponent saru finali u konklussivi. Fil-mertu, l-intimat isostni li l-figuri ndikati fl-*Assessments* in kwistjoni huma korretti u skond il-ligi.

“Ir-rikorrent (fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu ara fol. 18) issottometta li l-procedura adotta minnhu hija wahda idoneja.

“Il-kwistjoni dwar l-allegat ksur ta’ drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti giet deciza bis-sentenza preliminari precitata.

“Fil-mertu r-rikorrent isostni li l-ittra ufficjali kienet l-ewwel att gudizzjarju li rcieva li bih gie nfurmat bl-*assessment* ufficjali li l-intimat kien ghamel, u ghalhekk dan ir-rikors hu l-ewwel okkazzjoni li bih jista jikkontesta t-talba tal-intimat.

**“KONSIDERAZZJONIJIET**

“Illi l-ligi (Kap. 372 li hu ligi specjali) jipprovvdi ghal kif wiehed jista’ u ghandu jikkontesta *assessments* mahruga mill-Kummissarju li hu ma jaqbilx maghhom.

“Il-procedura hi dik prevvista fl-Artikolu 33(2) tal-Kap. 372 fejn tista ssir oggezzjoni fi zmien 30 gurnata min-notifika tal-*assessments* u fin nuqqas ta’ qbil, jista’ jsir appell fi zmien 30 gurnata quddiem il-Bord tal-Kummissarji Specjali a tenur tal-Artikolu 35(1), u wara hemm ipprovvdut mil-Ligi Appell quddiem il-Qorti tal-Appell fi zmien 30 jum a tenur tal-Artikolu 37(1).

“Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma segwiex din il-procedura u ma ghamel xejn min dan, u ghalhekk b’dan ir-rikors hu ma jistax jikkontesta l-*assessments* li saru mill-Kummissarju. Ir-rikorrent ibbaza r-rikors tieghu unikament fuq ir-raguni li **l-ammont ma huwiex korrett u ma hux dovut mir-rikorrenti.**

“Kien biss fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu li r-rikorrent imbaghad avvanza raguni ohra fis-sens li hu ma kienx gie notifikat bl-*assessments*. Izda mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt hu kien gie notifikat validament kif jirrizulta mid-Dok KT2 fol. 28 li hu kopja ta’ Pink Card li turi li l-*assessments* few notifikati lir-rikorrent fis-17 ta’ Mejju 2006 f’idejn Doris Gatt fir-residenza tieghu.

“Inoltre l-Qorti tirrileva li r-rikorrent qatt ma baghat formoli tat-taxxa ghas-snin 1999-2005 u kien fid-9 ta’ Mejju 2006 li l-*assessments* ghal dawn is-snin intbghatu lir-rikorrent Dok KT1 a fol. 27 izda r-rikorrent f’dak il-perjodu ma ikkontestahomx. Imbaghad fit-8 ta’ Novembru 2006 intbaghtet l-ittra ufficjali wara li kien ghadda inutilment it-terminu ghall-kontestazzjoni.”

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Joseph Gatt li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"......thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet premessi billi filwaqt li tilqa' t-talbiet maghmulha mir-rikorrenti appellanti tichad l-eccezzjonijiet mressqa mill-intimat appellat fir-risposta tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat."

Rat ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tiddikjara l-istess infondat u wkoll frivolu u vessatorju;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta' April 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

B'din il-procedura, ir-rikorrent qed jikkontesta ittra ufficjali mahruga mill-intimat li permezz taghha talab hlas ta' arretrati ta' taxxa u taxxa addizzjonali. Ir-rikorrent ikkontesta t-talba fuq il-bazi li hu ma ghandux jaghti l-ammont kif mitlub. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, ir-rikorrent qajjem kwistjoni kostituzzjonali ghax allega li l-procedura prevista fil-ligi ghall-kontestazzjoni tal-istimi mahruga mill-intimat jmorru kontra d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq u rimedju effettiv. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha tas-17 ta' Ottubru 2007, irrifjutat li taghmel l-indagini mitluba, peress li qieset li r-rikorrent kellu rimedju xieraq u disponibbli taht il-ligi ordinarja ghall-ilmenti tieghu. Din is-sentenza preliminari issa ghaddiet in gudikat peress li r-rikorrent ma ressaq ebda appell kontriha.
Qabel ma dahlet fil-meritu tal-allegazzjoni tar-rikorrenti, l-ewwel Qorti trattat u ddecidiet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimat, li huma ta' indoli proceduralі. L-ewwel Qorti laqghet dawn l-eccezzjonijiet, iddikjarat il-procedura bhala irritwali, u cahdet it-talba tar-rikorrent.

Ir-rikorrent appella minn din l-ahhar sentenza (cioe` tat-30 ta' Jannar 2007) u ressaq aggravji li jolqtu kemm il-meritu

tas-sentenza, kif ukoll l-aspett kostituzzjonali tar-rimedju provdut fil-ligi.

Trattat l-aggravju procedurali, cioe`, il-lanjanzi tar-rikorrent kontra d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat, din il-Qorti tara li l-intimat u l-ewwel Qorti ghandhom ragun. Jirrizulta, fil-fatt, li r-rikorrent qatt ma baghat lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni l-formola tat-taxxa ghas-snin ta' stima 1999 sa 2005. Fid-dawl ta' dan, u kif ghandu dritt jaghmel, l-intimat hareg *best of judgment assessments* ghas-snin ta' stima in kwistjoni, liema stimi gew notifikati validament fis-17 ta' Mejju 2006, lir-rikorrent. Ir-rikorrent kellu kull opportunita`, fit-terminu impost mil-ligi, li jikkontesta dawn l-istimi, izda naqas li jaghmel dan. Ghalhekk, ma jistax issa, jikkontesta aktar il-meritu ta' dawk l-istimi.

L-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru 2006 saret biex l-intimat jikseb il-hrug ta' mandati ezekuttivi taht l-Art. 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta) biex jigbor it-taxxa minghand ir-rikorrent. Id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 372 jipprovdu illi jekk, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun baghat avviz ghal hlas tat-taxxa, dak li lilu jintbaghat l-avviz ma jhallasx, il-Kummissarju jista' jtenni t-talba ghall-hlas b'att gudizzjarju u, wara jumejn min-notifika ta' dak l-att ikun jista' jikseb il-hrug ta' mandati esekuttivi.

Appell kontra l-istimi u l-avvizi mahruga mill-intimat isiru taht id-dispozizzjonijiet tat-taqsima VI tal-Kap. 372. Jista' jsir appell quddiem Bord ta' Kummissarji Specjali taht l-Art. 34 u minn decizjoni ta' dak il-Bord jista' jsir appell fuq punt ta' ligi biss quddiem il-Qorti tal-Appell. Wara li jinqata' l-appell, jew jekk ma jsirx appell fiz-zmien li taghti l-ligi, l-istima ssir finali.

Dan ifisser illi la darba l-istimi saru finali, l-istess ma jistawx aktar jigu kontestati. La l-Artikolu 466 u lanqas l-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma jistghu jitqiesu li jghoddu ghall-kaz, ghax l-ittra ufficjali in kwistjoni ma saritx taht l-Artikolu 466 u lanqas ma hija mandat taht l-Artikolu 273 tal-imsemmi Kodici.

Jidher, ghalhekk, li l-ligi ma taghtix ir-rimedju li qieghed jitlob ir-rikorrent b'dan ir-rikors (ara, bhala rifless fuq dan il-punt, il-kawza **Borg et. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fid-9 ta' April 2010)

Ghar-rigward il-lanjanzi tar-rikorrent marbuta ma' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, jigi rilevat li r-rikorrent ma appellax kontra d-decizjoni tal-ewwel Qorti li ma tistharrigx dawn l-ilmenti, u qajla din il-Qorti tista' allura, taghmel differenti. Li jista' jinghad hu li zmien opportun li fih ir-rikorrent seta' jikkontesta l-validita` tal-proceduri kontemplati fil-ligi biex dak li jkun jikkontesta stima (senjament l-Artikoli 33, 35 u 37 tal-imsemmi Kap. 372), kien fit-terminu koncess fl-istess ligi ghal kontestazzjoni tal-istimi, u mhux xhur wara meta jkun skada kull terminu previst ghall-kontestazzjoni.

L-ilmenti tal-appellant fil-kuntest tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kellhom jitressqu fil-kuntest tal-kontestazzjoni li hu kellu jaghmel ghal-likwidazzjoni li saret mill-Kummissarju. F'dan il-kaz, lanqas biss gie tentat rikors lill-Bord aktar qabel imsemmi, bord dan, wara kollox, appozitament krejat, b'kompetenza specjali biex jistharreg u jepura kwistjonijiet ta' natura teknika u fiskali, u biex jaghmel apprezzament gust taghhom fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghalihom. Jekk hass li r-rimedju li taghti l-ligi ma kienx effettiv, kellu, fil-mument opportun, l-ewwel joggezzjona ghall-istimi kif trid il-ligi, u fl-istess hin, iressaq l-ilmenti tieghu quddiem il-Qorti kompetenti.

Kwistjonijiet dwar smiegh xieraq, proporzjonalita` fit-trattament, u li jolqtu d-dritt tieghu ta' uzu u tgawdija ta' proprjeta`, li gew sollevati f'dawn il-proceduri, kellhom jigu sollevati fi stadju bikri wara li ssir oggezzjoni ghall-istimi bil-mod semplici li trid il-ligi. Ghar-raguni li jafha biss ir-rikorrent, huwa baqa' ma kkontestax l-istimi li, allura, saru finali u l-ammont sar dovut. Dawn issa ma jistghux jithassru. It-talba tar-rikorrent li, f'dan l-istadju, issir xi forma ta' riferenza kostituzzjonali hi, ghalhekk sempliciment frivola u vessatorja, u qed tigi michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tar-rikorrent billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mir-rikorrent appellant; u peress li tqis l-appell bhala wiehed frivolu u vessatorju tikkundanna lill-istess rikorrent ghall-hlas ta’ spejjez doppji skond l-Art. 223(4) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------